# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Eman Hayman)

Vs

Daniela Tranchino

Kawza tad-Distrett tal-Imsida

Illum, 21 ta' Frar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Daniela Tranchino, bint Rosario u Susan nee' Moore, imwielda nhar l-20 ta' Awwissu, 1976 u residenti gewwa 2, Fl 6, Telghet Gwardamanga, Pieta', detentrici tal-karta tal-identita' numru 427476 M akkuzata talli;

Fi Triq Testaferrata Ta' Xbiex u / jew f' xi bnadi ohra f' dawn il-Gzejjer, bejn il-22:40 hrs u l-11:15 hrs ta' l-10 ta' April 2017, f' post pubbliku jew f' post espost ghall-pubbliku tlajjajt jew ghamilt biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali u dan bi ksur tal-Artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-affidavits ta' PS 1326 Roy Sciberras, WPC 308 Kimberly Camilleri, WPC 278 Sherona Buhagiar ipprezentati mat-tahrika tal-kawza; semghet ix-xhieda ta' Maria Mifsud, probation officer fis-seduta tal-21 ta' Ottubru, 2019, fil-13 ta' Gunju, 2022, Chantelle Mercieca fis-seduta tal-29 ta' Novembru, 2022, Dr Moses Camilleri fis-seduta tal-29 ta' Novembru, 2022

Rat li fis-seduta tal-21 ta' Ottubru, 2019 l-imputata **ammettiet** l-imputazzjoni. Il-Qorti wara li taghtha ftit zmien ghal rimpensament u wara li l-imputata ikkonsultat ma' l-avukat ta' fiducja taghha, tenniet l-ammissjoni taghha;

Rat li l-Qorti fic-cirkostanzi tatha ordni ta' probation ghal tlett snin u ordni ta' trattament ghal kontra l-vizzju tad-droga.

Rat li permezz ta' rikors tal-ufficjal tal-probation Maria Mifsud datat 19 ta' April, 2022 li biha qed taghmel denunzja quddiem din il-Qorti ai termini tal-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fil-6 ta' Gunju, 2023 il-prosekuzzjoni ghalqet il-provi;

Rat n-nota tal-ufficjal tal-probation Maria Mifsud ipprezentata fil-24 ta' Novembru, 2023 fejn l-ufficjal infurmat lil Qorti li l-imputata ma hijiex qed tikkopera mal-ufficjali tal-probation, mal-Agenzija Sedqa tant li l-kaz taghha inaghlaq u mat-tabib tad-Detox u ipprezentat rapport ta' andament datat 24 ta' Novembru, 2023;

Rat li fis-seduta tal-28 ta' Novembru, 2023 l-imputata iddikjarat li mhux ser tixhed

Semghet t-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta; l-artkolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti, ix-xhieda u l-atti kollha tal-kaz.

Ikkunsidrat

Illi ll-imputata ammettiet l-akkuzi kollha fil-konfront taghha fis-seduta tal- 21 ta' Ottubru, 2019. Il-Qorti wara li taghtha ftit zmien ghal rimpensament u wara li l-imputata ikkonsultat ma' l-avukat ta' fiducja taghha, tenniet l-ammissjoni taghha;

Wara din l-ammissjoni l-Qorti tat lil imputata ordni ta' probation ghal tlett snin u ordni ta' trattament ghal kontra l-vizzju tad-droga.

Illi sussegwentement permezz ta' rikors datat 19 ta' April, 2022 l-Ufficjal tal-Probation ghamlet denunzja quddiem din il-Qorti ai termini tal-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn ipprmettiet u talbet is-segwenti.

1. Illi bis-sentenza imsemmija hawn fuq kienet appuntata Ufficjal tal-Probation ta' Daniela Tranchino (Cassar), detentur tal-karta tal-identita' 427476 M u residenti gewwa Flat 1, 93, Triq Luqa Briffa, il-Gzira;

2. Illi Daniela Tranchino (Cassar) qed tonqos milli zomm kuntatt mal-Ufficcju u l-Ufficcjal tal-Probation skont id-direttivi moghtiha lilha;
3. Illi Daniela Tranchino (Cassar) mhux qieghda tahdem f' impjieg regolarizzat;
4. Illi Daniela Tranchino (Cassar) mhux tonora l-Ordni ta' Trattament li hija ghandha annessa mal-Ordni tal-Probation sabiex tahdem fuq l-abbuz ta' droga. Dan permezz talli mhux qed izomm f' kuntatt mal-Agenzija Sedqa;
5. Illi Daniela Tranchino (Cassar) mhux qed izzomm kuntatt mat-Tabib tad-Detox Dott. Moses Camilleri;
6. Illi Daniela Tranchino (Cassar) mhux qed tinora l-pjan ta' kura imhejja ghaliha u ghaldaqstant qed taghzel li tghix hajja tad-droga;

   Ghaldaqstant fic-cirkostanzi, l-esponenti thossha fid-dmir illi tattira l-attenzjoni ta' din ir-rispettabbli Qorti ghal dan il-fatt, sabiex din l-Onorabbli Qorti tiehu dawk il-mizuri li jidrilha xierqa u opportuni.

Ikkunsidrat,

<u>Provi tal-prosekuzzjoni</u>

**Affidavit ta' PS 1326 Roy Sciberras**. Nhar l-10 ta' April, 2017 flimkien ma' l-Ispettur John Spiteri, WPC 308 u WPC 278 waqt li kienu qeghdin jaghmlu spezzjonijiet fl-inhawi ta' Triq Testaferrata gewwa Ta' Xbiex rigward tlajjar u thajjir ghal skop ta' prostituzzjoni.

Ghall-habta ta' 22:40 waqt li kienu ghaddejjin minn Triq Testaferrata innutaw mara li kienet qeda barra blokka flats minn 22:40 sa madwar 23:15, f' dak il-hin innutata bilwieqfa isserrah mal-koxxa tal-bieb u anke bilqegheda fuq siggu barra, barra minn hekk din kienet liebsa flokk isskullat hafna. Hekk kif waqafu bil-karozza quddiemha hija resqet mal-karozza in-naha tax-xuffier u qalet "bi twenty hi" minghajr ma tat kaz min hemm fil-karozza.

L-ispettur John Spiteri dak il-hin identifika ruhu bhala ufficjal tal-pulizija u hija rispondiet li kienet qed ticcajta ghax kienet gharfitna. Irrizulta li din kienet Daniela Tranchino. Giet infurmata sabiex tieqaf titlajja u li sejrin jinhargu akkuzi fil-konfront taghha rigward tlajjar u thajjir ghal skop ta' prostituzzjoni.

**Affidavit ta' WPC 308 Kimberly Camilleri**. Tikkonferma l-verzjoni fl-affidavit ta' PS 1326 Roy Sciberras u WPC 278 Sherona Buhagiar.

**Affidavit ta' WPC 278 Sherona Buhagiar**. Tikkonferma l-verzjoni fl-affidavit ta' PS 1326 Roy Sciberras u WPC 308 Kimberly Camilleri.

**Maria Mifsud**, probation officer.

Fix-xhieda tad-29 ta' Novembru, 2022, l-probation officer xehdet li l-imputata fit-30 ta' Lulju dahlet il-habs u kienet qed tiskonta sentenza tat-tlett xhur prigunerija ghal kaz li jmur lura fit-2017. L-imputata harget mill-habs f' Novembru.

Wara li harget mill-Habs fit-18 ta' Novembru, ghamlet kuntatt max-xhud u qaltilha li ma tiflahx.

Ix-xhud tghid li minn naha tal-imputata importanti li hi tattendi l-appuntamenti ta' Sedqa, mat-tabib taghha tad-Detox u li tkun onesta.

Fis-seduta tas-6 ta' Gunju, 2023 il-probation officer tat rendikont tal-andament

"Xhud: Iva nahlef. Sinjura jiena kont dahhalt zewg denunzji fil-konfront ta`Daniela f`April, 2022 bazikament din is-sena Daniela inaghtat 11 il-appuntament biss minn dawn il-15 il-appuntament hi attendiet 1 biss u wiehed minnhom kelli immur home visit jiena il-fatt hija ma attendietx ghall-apuntamenti bazikament ma setghetx tigi issottometta ghall-kampjuni tal-urina ghall-daqstant m`ghandix jiena ukoll dalghodu kelli indahhal denunzja ohra quddiem Qorti ohra minhabba li qed tigi segwita fuq ordni ta`Probation ohra issa dik minn naha tieghi."

Permezz ta' nota ipprezentata fl-24 ta' Novembru, 2023 l-Ufficjal tal-Probation Maria Mifsud jirrizulta li l-imputata falliet hafna appuntamenti mal-Ufficjal tal-Probation, fejn jidhol kuntatt mad-Detox Dott. Moses Camilleri sostna li falliet hafna appuntamenti u li

fejn jidhol kuntatt mal-Agenzija Sedqa il-kaz inghalaq ghaliex ma zammitx l-appuntamenti. Fin-nota hemm rapportat li "*Minkejja l-opportunitajiet li qed tinghata Daniela Tranchino mill-Qrati, xorta wahda qed taghzel li ma tonorax l-ordinijiet imposti fuqha.*"

**Dr Moses Camilleri**, tabib jahdem mal-Agenzija Sedqa, xehed fis-seduti tal-29 ta' Novembru, 2022 u tas-6 ta' Gunju, 2023.

Fis-seduta tad-29 ta' Novembru, 2022 wara li l-imputata ezentat lix-xhud mis-sigriet professjonali jixhed li lil imputata ilu jafha l-fuq minn ghoxrin sena. l-ewwel darba li tlaqa' maghha kien fin-1996 kellha ghoxrin sena u giet titlob l-ghajnuna minhabba problema ta' uzu ta' sustanzi. Kien hemm snin meta tilfet il-kuntatt pero' f' dawk iz-zmienijiet li kienet tigi ghal appuntamenti kien hemm indikazzjoni li tixtieq taghmel xi haga dwar dan.

Jixhed li l-imputata ma hijiex regolari bhala follow up. It-tip ta' problema li ghandha li kellha tul dawn iz-zmienijiet hija wahda ta' natura serja, b' kumplikazzjonijiet kemm fuq is-sahha fizika kif ukoll dik mentali.

Fis-seduta tas-6 ta' Gunju, 2023 wara li l-Qorti ezentatu mis-sigriet professjonali Dr. Moses Camilleri xehed;

"Xhud: Is-sinjura Daniela Cassar maghrufa bhala Tranchino jiena nafha fil-kuntest li toffri l-Agenzija Sedqa specifikament fil-klinika Detox Center gewwa sptar San Luqa, ilni insegwiha ghalkemm mhux bxi regolarita stretta numru ta snin filfatt l-ewwel kuntatt kien il-fuq minn 20 sena ilu fl-1996 il-fatt illi tul dawn is-snin kollha nista nghid bqajt insegwiha huwa indikazzjoni illi is-sinjura Cassar ghandha ir-rieda li tindirizza il-problema li ghandha ta' uzu ta sustanzi, sfortunatament hemm problema fir-regolarita ta appuntamenti allura spiss tinhloq il-problema fejn filwaqt li is-sinjura Cassr tkun qeghda tigi biex tiehu il-kura tal-Methadone imma fejn jidhlu appuntamenti mat-tabib mhemmx regolarita allura mhux l-ewwel darba inkun mitluf jiena fejn wasalna f`dak li huwa process ta`recovery taghha."

**Chantelle Mercieca**, haddiema socjali mal-Agenzija Sedqa xehedet fis-seduta tal-29 ta' Novembru 2022. Ix-xhud hija social worker tal-imputata u ilha ssegwiha mil-30 ta' Mejju, 2022, qabel l-imputata kellha social worker ohra. Tixhed li fil-bidu kien hemm ftit problemi biex jiltaqghu forsi ghaliex biddlet is-social worker u trid tibni relazzjoni gdida. Meta l-imputata kienet il-habs ix-xhud kienet qed tmur taraha ta' spiss u kien qed ikun hemm sessions tajbin. Wara li harget mill-habs ftehmu li ser izzomm kuntatt maghha. Kellhom kuntatt u ftehmu li jibdew jiltaqghu u jzommu kuntatt frekwenti.

Fis-seduta tat-28 ta' Marzu, 2023 il-haddiema socjali xehdet li minn Novembru l-imputata kienet qed issib diffikulta biex tigi l-Agenzija Sedqa ghaliex kull darba li ipprovaw jaghmlu appuntament kienet tghid li tbghati minn anzjeta' biex tohrog mid-dar. Kull meta x-xhud marret id-dar taghha dejjem fethitilha u b' xi mod saret is-session. Talbitha li kull gimgha tigi thalli s-sample tal-awrina imma minn naha tal-imputata sabet diffikulta'

Fis-seduta tas-6 ta' Gunju, 2023 l-haddiema socjali xehdet fuq l-andament tal-imputata hekk:-

> "Min Marzu l`hawn ghax l-ahhar darba li tlajt nixhed kien f' Marzu bhala kuntatt kien vera minimu qisu minn naha tieghi ippruvajt naghmel xi telefonati imma qisu ma kienx qed jirnexxieli inzomm kuntatt permezz tat-telefone il-mobile kien qed icempel imma ovvjament ma kienx il-persuna ma kienetx tirrrispondini zammejna kuntatt permezz tal-sms ghax is-sinjura Tranchino spjegatli li kellha problema bil-mobile u zammejna kuntatt qisu permezz tal-sms minn naha tieghi irnexxieli qisu nippjanaw zewg home visits qisu fthemna fuqhom imma it-tnejn li huma ma rnexxiliex naghmilhom wahda minnhom ghaliex dak in-nhar is-sinjura Tranchino baghet sms u nfurmatnmi li ghandha l-Qorti u kkancellajna il-home visit u darb ohra kienet ma tiflahx u kellna nikkancellawha hi talbitni biex immur xorta dak in-nhar imma kellha id-deni u jien ghedtilha speci manhossx li ghandi immur meta kienet ma tiflahx."

Ikkunsidrat,

Illi l-artikolu 21 (1) (2)  tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li

> "21.(1) Jekk f'xi waqt matul il-perjodu ta' probation il-Qorti tal-Maġistrati, il-Qorti tal-Minorenni, il-Qorti Kriminali jew il-Qorti tal-Appell Kriminali, skont il-każ, tkun tal-fehma li min ikun taħt probation ikun naqas li jħares xi waħda mill-ħtiġiet tas-sanzjoni komunitarja, il-qorti kompetenti tista' toħroġ taħrika li fiha titlob lil min ikun taħt probation biex jidher quddiem dik il-qorti fil-post u l-ħin hemm speċifikati, jew tista', jekk iċ-ċirkostanzi jkunu hekkjeħtieġu, toħroġ mandat għall-arrest ta' min ikun taħt probation:Iżda ħlief meta n-nuqqas allegat jinġieb għall-attenzjon ital-qorti permezz ta' rikors mill-uffiċjal tal-probation,m'għandhom jinħarġu ebda tali taħrika jew mandat mill-Qorti rispettiva, ħlief meta tingħata informazzjoni bil-miktub u li tkun konfermata b'ġurament.
> F'kull każ l-informazzjoni għandha tiġippreżentata fi żmien tliet xhur minn nuqqas allegat minn min ikuntaħt probation:Iżda wkoll il-Qorti għandha tappunta għas-smigħ ir-rikors fi żmien għoxrin ġurnata mill-preżentata tal-imsemmi rikors.
>
> .2) Jekk jiġi ppruvat għas-sodisfazzjon tal-qorti, li min ikun taħt probation jkun naqas milli jħares xi ħtieġa ta' sanzjoni fil-komunità, dik il-qorti tista' mingħajr preġudizzju għat-tkomplija tas-sanzjoni, twaħħal il-ħati ammenda ta' mhux iżjed minn mitejn utnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94), jew tista'tittratta ma' min ikun taħt probation, għar-reat li dwaru tkun saretis-sanzjoni komunitarja, b'kull mod kif il-qorti tista' tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat."

Ikkunsidrat,

Il-Qorti semghet f' diversi okkazzjonijiet lil probation officer Maria Mifsud li lilha probation officer tal-imputata sa mis-sena 2015. Mix-xhieda taghha jirrizulta li l-imputata ma kienitx qed tmur ghall-appuntamenti.

Professjonisti ohra li jsegwu lil imputat, Dr Moses Camilleri mid-Detox u l-haddiema socjali Chantelle Mercieca ukoll ikkonfermaw li l-imputata ma tattendiex regolarment ghas-sezzjonijiet.

Il-probation officer fir-rapport taghha pprezentat fil-24 ta' Novembru, 2023 tirrapporta li minn meta giet registrata d-denunzja minn April, 2022 ma kien hemm ebda' progress irregistrat. L-imputata ma tattendiex ghal appuntamenti, taghti kampjuni tal-awrina li jirrizultaw negattiv ghal Methadone meta hi tuzaha l-Methadone (kampjun 21.07.2023, kampjun 07.11.2023) u fil-06.09.2023 l-kampjun irrizulta possitiv ghad-droga eroina u kokaina.

In-nuqqas tal-imputata sabiex ssegwi l-ordinijiet tal-Qorti u r-rakkomandazzjonijiet tal-professjonisti gie riskontrat tul il-proceduri kollha.

Illi gie ghalhekk ipprovat li l-imputata ma hijiex qed tonera l-Ordni ta' Probation (maghmul skond l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta) mahrug fl-21 ta' Ottubru, 2019 u l-Ordnijiet ta' Trattament (maghmul skont l-Art. 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) mahrug fil-21 ta' Ottubru, 2019

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 7(2) tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta, , l-art 21, 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 412 D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputata Daniela Tranchino hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontriha u tikkundannaha ghal sitt xhur prigunerija effettiva.

In oltre l-Qorti qeghda tqieghed lill-hatja **Daniela Tranchino** taht Ordni ta' Trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tinghata l-ghajnuna psikjattrika u psikologika necessarja kif ukoll kull ghajnuna ohra li jistgha jkollha bzonn l-imputata, u b'mod partikolari li ssegwi t-terapija moghtija lilha sabiex tindirizza l-problemi taghha ta' dipendenza fuq id-droga, hekk kif jistgha jigi rakkomandat mill-Probation Officer, bl-intervent ta' Professjonisti varji, b'liema ordni qieghed isir ghal perjodu ta' tmintax-il xahar (18) u li hija soggetta għall-kundizzjonijiet

elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**